MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 152/1997/1

Anna Maria Degiorgio u zewggha Mario Degiorgio u Anthony Bezzina li intervjena fir-rikors b'digriet tal-14 ta' Ottubru 1998
Vs
Awtorita` tal-Ippjanar

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih wara li premettew illi fil-1989 ir-rikorrenti Anna Marija Degiorgio kienet applikat lill-PAPB ghall-permess halli tibni flat fit-'third floor' tal-blokk bl-isem Dar il-Menqa, Ghar Qawqla Street, Marsalforn,Gozo.

Illi l-fond imsemmi kien "facing the sea", izda permess ma kienx inghata, u meta kienet ser titwaqqaf l-Awtorita` tal-Ippjanar, kienet saret talba lis-Select Committee tal-Kamra tar-Rapprezentanti, u wara li twaqqfet l-Awtorita` lill-istess Awtorita`, izda l-permess baqa' ma harigx.

Illi fl-istess akkwati, kienu hargu permessi wara li saret l-applikazzjoni tar-rikorrenti halli jinbnew ‘third floors’, anki f’bini “not facing the sea”, lil Emidio Azzopardi (1), Franco Masini (2), Paul Attard (3), Salvu Vella (4), Carmelo Buttigieg (5), Maurice Borg u Victor Portelli (6), Trieste Estate (7), John Magro (8), Dr. Joseph Fenech (9), Anton Azzopardi (10), Joe u Marija Bugeja (11), u diversi ohrajn. Il-fondi tal-persuni imsemmija kienu indikati bin-numri rispettivi fuq il-pjanta annessa.  Il-fond tar-rikorrenti gie mmarkat bin-numru 12.

Illi r-rifjut tal-permess lir-rikorrenti kien sar minkejja li l-policy kienet li jinghata permess ghat-‘third floor’ fejn ikun “facing the sea”.

Illi tajjeb li wiehed ikun jaf li r-rikorrenti kienu bdew jibnu “t-third floor” wara li l-perit taghhom kien cempel lil Perit Mallia li kien in-charge mill-hrug tal-permess tal-bini ghal Ghawdex biex jara jekk ikomplux jibnu jew jieqfu ghax kien hemm problema fuq l-gheluq tat-triq minhabba l-Krejn u l-Perit kien qal lill-Perit Dimech li jistghu jkomplu ghaliex il-permess l-iehor kien hiereg dalwaqt.  Izda gara li l-Perit Mallia siefer wara gimgha fuq scholarship barra minn Malta u floku ghamlu iehor.

Illi meta r-rikorrenti kienu dehru l-ewwel darba flimkien mal-Perit taghhom quddiem id-D.C.C., ic-Chairman tad-D.C.C., il-Perit Falzon kien esklama pubblikament b’lehen gholi “li ma kien hemm l-ebda raguni valida ghala dan il-permess ma johrogx.” La qal hekk ic-Chairman tal-Board kien jidher bic-car li kien hemm l-id mohbija wara dan il-permess.  Tant hu hekk li ftit qabel xi hadd mhux maghruf kien imqabbad jitfa’ z-zejt mahruq mal-hitan fuq il-fil tas-‘second floor’ flat gdid li kien ikkaguna hsara ta’ aktar minn mitejn lira.  Ghalkemm kien sar access fuq il-post mill-pulizija, sal-lum ghadu ma nqabad hadd.

Illi r-rifjut tal-permess lir-rikorrenti kien ingustizzja kbira u diskriminazzjoni mar-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti ressqu dan il-kaz quddiem it-Tribunal halli jittrattah skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, sabiex it- Tribunal jaghti rimedju xieraq u sabiex jordna li ma tibqax issir aktar ingustizzja u diskriminazzjoni mar-rikorrenti bic-cahda tal-permess ghall-bini tat-'third floor' fil-blokk bl-isem Dar il-Menqa, Ghar Qawqla Street, Marsalforn, Gozo.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-Awtorita ta l-Ippjanar li eccepiet:

Illi preliminarjament il-kaz in kwistjoni kien gie appellat mill-istess rikorrenti quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar liema appell jaghti lok ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Illi preliminarjament ukoll ghandu jigi rilevat li r-rikors ma kienx sar skond ir-rekwiziti stabbiliti fis-subartikolu (2)(a) tal-artikolu 7 ta' l-Att tal-1997 stante li r-rikorrenti, fir-rikors taghhom, ma kienux indikaw il-provi li kienu bi hsiebhom jippruvaw bix-xhieda taghhom skond kif kien rikjest mill-istess ligi, oltre li fil-korp ta' l-istess rikors, ir-rikorrent ghamel referenza ghall-pjanta annessa, liema pjanta fil-fatt ma kienetx giet esibita stante li mar-rikors tieghu r-rikorrent ma kienx ipprezenta ebda dokument.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghar-rigward tal-fatti tal-kaz l-intimat irid jirrileva li is-sit in kwistjoni fil-fatt <u>mhuwiex</u> "facing the sea" stante li l-access ghall-fond kien jinsab minn go Triq Ghar Qawqla liema triq mhijiex "facing the sea". Di piu' s-site elevation tal-fond in kwistjoni ma kenitx "facing the sea" izda faccata tal-Calypso Hotel.

Illi ghar-rigward l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar il-hrug ta' permessi ghall-bini ta' "third floors" fl-akkwati, kif diga` kien gie rilevat, il-fatt li r-rikorrent kien naqas li jipprovdi l-pjanta li ghaliha ghamel referenza, tipprekludi li l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar milli taghmel il-verifiki necessarji dwar jekk fil-fatt kien hemmx permessi mahruga u, f'kaz

affermattiv, minn min kienu nhargu u f' liema zmien nhargu l-istess permessi.

Illi ghandu jigi rilevat li fiz-zmien 1989/1990 il-Planning Area Permits Board bhala policy kien qed johrog permessi ta' bini b'erba sulari f'Marsalforn, Ghawdex minghajr distinzjoni jekk is-sit kienx "facing the sea'' jew le. Jirrizulta li sussegwentement u cioe` fi zmien 1990/1991 tali policy ma kenitx baqghet tigi adottata bil-konsegwenza li l-applikazzjonijiet pendenti ghal ''third floors'' fl-akkwati li ma kienux "facing the sea" kienu gew rifjutati. In fatti, jirrizulta li fil-ftit kazijiet fejn tkomplew xoghlijiet fit-"third floor" f'siti li ma kienux "facing the sea'' wara tali bdil fil-policy fl-akkwati, kienu ttiehdu proceduri gudizzjarji kontra s-sidien tal-istess proprjetajiet kif kien ukoll il-kaz f'kazijiet fejn washrooms kienu gew konvertiti f'penthouses fl-istess akkwati. Ghandu jigi rilevat li minn mindu kienet giet mibdula l-policy in kwistjoni, fl-inhawi kien beda jigi approvat zvilupp konsistenti fi tlett sulari u underlying basement; dan it-tip ta' zvilupp permess ma kienx jekwipara u in effett ma kienx jammonta ghal erba' sulari kif fil-fatt kienu qed jippretendu l-istess rikorrenti.

Illi l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet giet sottomessa lill-PAPB biex jibnu "third floor" fis-sit in kwistjoni liema applikazzjoni sussegwentement kienet giet rifjutata fil-25 ta' April 1991 mill-istess PAPB ghar-raguni li l-izvilupp propost kien jeccedi l-"height limitation" tal-akkwati. Ir-rikorrenti eventwalment kienu talbu li ssir rikonsiderazzjoni tal-applikazzjoni liema talba kienet giet michuda mill-istess PAPB fil-5 ta' Ottubru 1992 ghall-istess raguni precedenti. Sussegwentement, u cioe' fid-9 ta' Ottubru 1992 ir-rikorrenti kienu ghamlu talba lis-Select Committee tal-Kamra tar-Rapprezentanti biex id-decizjoni tal-PAPB tigi riveduta. Jirrizulta li wara li twaqqfet l-Awtorita` ta' l-Ippjanar permezz ta' l-Att I ta'l-1992 (li kienet giet in vigore fl-1 ta' Dicembru 1992), is-Select Committee tal-Kamra ma kienx baqa' jiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti, u tant hu hekk li l-istess rikorrenti, b'dikjarazzjoni tal-15 ta' Jannar 1993 kienu talbu li l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar tiehu konjizzjoni ta' l-applikazzjoni li kienet giet originarjament sottomessa lill-PAPB skond ma jipprovdi l-

istess Att ta' l-1992. Jirrizulta li fic-cirkostanzi l-kaz kien gie ttrattat bhala rikonsiderazzjoni quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp, liema talba kienet giet eventwalment rifjutata mill-istess Kummissjoni.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li r-raba' sular in kwistjoni u cioe` dak appartenenti lir-rikorrenti fil-fatt, kien inbena fl-1991 minghajr permess ta' zvilupp u konsegwentement ittiehdu proceduri legali kontra l-istess rikorrenti ghal tali ksur tal-ligi. Inoltre, l-intimat jirrileva li l-istess rikorrenti kienu appellaw mit-talba ghal rikonsiderazzjoni quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar liema appell ghadu pendenti.

Ghaldaqstant l-intimat talab li in vista tal-permess dan it-Tribunal joghgbu ma jilqax it-talba tar-rikorrent fil-konfront ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar peress li l-istess ma ghamlet ebda ingustizzja u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jaqta' w jiddeciedi li l-ilment tar-rikorrent mhux gustifikat sussegwentement ma jirrakkomandax il-hrug ta' permess ghal "third floor" u lanqas li r-rikorrenti jinghata r-rimedju pretiz, u dan skond l-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta' Ingustizzji.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat u dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Fil-kors tal-kawza xehdu r-rikorrenti, il-Perit David Mallia, l-Perit Dimech, il-Perit Reuben Abela, Anton Bezzina u Mark Cini. Minn dawn id-deposizzjonijiet irrizulta car li r-rikorrenti kienu ghamlu talba ghall-permess ghal third floor flat f'Marsalforn Ghawdex u dan gie rifjutat minhabba l-height limitation. Dehru diversi drabi quddiem hafna korpi izda inutilment waqt li fil-kaz ta' terzi persuni li gew indikati

b'isimhom dawn inhargilhom il-permess ghalkemm il-kaz kien identiku ghal taghhom. Xehdu diversi xhieda fuq dawn l-istrutturi ohra u gew ezibiti ritratti taghhom. Matul il-kors tal-kawza kien hemm pendenti wkoll id-decizzjoni tal-Bord tal-Appell tal-Awtorita'. Fit-2 ta' Gunju 1999 gie wkoll dikjarat li l-permess kien ser johrog fil-futur qarib.

Fl-14 ta' April 1999 il-Planning Appeals Board wara li ezamina l-appell ta' Anne Marie Degiorgio minn rifjut tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Isvilupp iddecida li "hemm commitment qawwi favur l-applikazzjoni odjerna li ghalhekk ma tistax ma tigix accettata." U ghal dawk il-motivi l-Bord laqgha l-appell u ordna li l-permess P.A. 5858/89 ghandu jigi mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Isvilupp fi zmien tletin jum.

Wara li hareg il-permess ir-rikorrenti sostniet li t-talba trid tiftiehem ghad-danni li batew ir-rikorrenti ghax il-permess dam ma hareg. L-Awtorita' sostniet li t-talba ghad-danni qatt ma ssemmiet fir-rikors. Ir-rikorrenti sostnew li minhabba l-agir tal-Awtorita' intimata huma sofrew LM4845 danni.

Gie nominat l-Perit Rene` Buttigieg biex jikkalkula l-quantum tad-danni li batew r-rikorrenti minhabba l-agir tal-Awtorita'. Hu wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu u qal:

"<u>Konkluzjonijiet</u>

Illi is-sottoskritt qed jibbaza ir-rizultanzi tieghu, sija fuq hlasijiet li saru, kif konfermati minn ricevuti, kif ukoll fuq investigazzjonijiet dwar rati u prezzijiet ta' xoghol u materjal, li ghamel personalment, biex jikkonferma il-veracita o meno tal-ammonti pretezi bhala allegatament mhallsa mir-rikorrenti.

Illi a bazi ta' dan, is-sottoskritt qed jelenka fil-forma skedarja, paragun ta' kemm kienet l-ispiza biex gie kompletat ix- xoghol fil-flat fit-tieni sular, fis-sena 1991/1993 u l-ispiza biex gie kompletat, b'mod simili, il-flat fis-sular sovrastanti fis-sena 1999, biex b'hekk tirrizulta d-differenza bejniethom, rapprezentanti iz-zieda li kellhom

ihallsu r-rikorrenti sabiex tlesta il-flat fit-tielet sular, liema zieda kienet tigi iffrankata li kieku thallew ikomplu ghaddejjin bil-bini tal-istess tielet sular wara li tlesta il-flat fis-sular sottostanti fil-perijodu 1991/1993.

| | **1991/3** | **1999** | **Zieda** |
|---|---|---|---|
| A. **Bjut** | **Lm1180.10** | **Lm1898.82** | **Lm718.72** |
| B. **Bajjad** | **Lm 900.00** | **Lm1300.00** | **Lm400.00** |
| C. **Plumber u Electrician** | **Lm 439.00** | **Lm750.00** | **Lm311.00** |
| D. **Bathrooms** | **Lm 900.00** | **Lm1426.00** | **Lm526.00** |
| E. **Injam u Aluminju** | **Lm1289.00** | **Lm1850.00** | **Lm561.00** |
| F. **Servizzi** | **Lm 25.00** | **Lm105.00** | **Lm 80.00** |
| G. **Permessi ecc** | **Lm 70.00** | **Lm432.39** | **Lm362.39** |
| **Zieda Totali** | | | **Lm2959.11** |

**Zieda fil-provvista ta' kcina u bedrooms. 780.00.**

Illi s-sottoskritt huwa tal-opinjoni li peress li l-flat fit-tieni sular gie kompletat internament fil-perijodu 1991 sa 1993, id-differenza fil-prezzijiet u rati li gew utilizzati biex tlesta, huma ftit differenti minn dawk li kienu jigu adoperati mir-rikorrenti fis-sena 1994, li kieku setghu ikomplu bit-tlestija tat-tielet sular, wara li dan issaqqaf fis-sena 1994.

Illi is-sottoskritt ghaldaqtant ser jinjora kwalunkwe zieda zghira li setgha kien hemm fil-prezzijiet u rati fis-sena 1994, in vista tal-fatt li huwa esegwixxa studju minuzjus u kontrrollat fid-dettal fil-valutazzjoni tal-paragun tal-ispiza involuta fit-tlestija taz-zewg flats "de quo", u mhux eskluz li setghu thallew barra xi spejjes li r-rikorrenti naqsu li jindikaw."

**KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk irrizulta li r-rikorrenti Anna Maria Degiorgio applikat fl-1989 biex tibni t-third floor f'Marsalforn

Ghawdex liema applikazzjoni giet rifjutata mill-PAPB fil-25 ta' April 1991 minhabba l-height limitation. Madanakollu fl-1991/2 dan kien inbena gebel u s-saqaf sar fl-1994 ghalkemm minghajr permess tal-Awtorita'. Wara r-rifjut tal-PAPB f'Jannar 1993 ir-rikorrenti talbu lill-Awtorita' intimata u t-talba giet rifjutata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Isvilupp. Irrizulta li fl-1989/90 kienu qedghin johorgu permessi. Finalment il-permess gie mahrug fl-1999 wara decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar dwar il-committed area. Kawza ta' dan l-agir il-prezz ta' l-affarijiet telgha u ghalkemm inghataw diversi stimi jidher li l-aktar kredibbli hija dik ta' cirka tlett telef u hames mitt lira ghalkemm ir-rikorrenti jsostnu li swietilhom aktar minn hames telef.

Hemm diversi kunsiderazzjonijiet ohra li wiehed irid jaghmel. Il-kawza giet istitwita biss kontra l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u din certament mhix responsabbli ghal dak li gara qabel ma saret l-applikazzjoni lilha. Dan qieghed jinghad fuq l-obbligi ta' l-Awtorita' li gie ritenut li mhux successur tal-PAPB. Dan il-punt gie ezaminat minn dan it-Tribunal fil-kors tal-kawza fl-ismijiet Emmanuel Mallia et vs Awtorita' tal-Ippjanar deciza fit-12 ta' Dicembru, 2000. Fejn intqal:

"Illi ghalhekk biex it-Tribunal jasal fuq jekk hux gustifikata l-eccezzjoni preliminari tal-intimati bilfors ikollu jezamina jekk l-Awtorita' tal-Ippjanar hix is-successur tal-P.A.P.B. b' mod li tkun responsabbli hi ghall-agir tal-P.A.P.B. li fil-fehema tar-rikorrenti kienet tammonta ghal ingustizzja." Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Caruana Demajo) fl-14 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet Annunziato Mifsud vs Direttur tat-Toroq et intqal li:

"il-Bord ghall-permessi dwar area ta' Pjan Regolatur kien twaqqaf bl-Avviz Legali 10/1962, li kien inhareg that l-Artikolu 19 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Dan l-Artikolu, li thassar bl-Artikolu 63 tal-Att 1 tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Att 1 tal-1992) kien jaghti lill-President (dak iz-zmien il-Gvernatur) ta' Malta is-setgha li jaghmel regolamenti inter alia:

(c)biex jaghtu s-setgha lill-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici (dak iz-zmien is-Segretarju Principali) li jiddelega, lil dak l-Ufficjal, Korp jew Awtorita` u b' dak il-mod u sa fejn jista' jkun preskritt mir-regolamenti, kull wahda mis-setghat moghtija lilu…

Bl-Avviz Legali 10 tal-1962 is-Segretarju Principali nghata s-setgha li jiddelega s-setghat tieghu "lill-Korp maghruf bhala il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur".

Il-Bord ghalhekk huwa d-delegat tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, u huwa dan il-Ministru li jwiegeb ghal dak li jaghmel il-Bord.

L-Awtorita` tal-Ippjanar twaqqfet bl-Artikolu 3 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp; hija korp awtonomu u mhux delegat ta' xi awtorita` ohra.  Ghalhkemm huwa minnu li hadet xi setghat li qabel kienu tal-P.A.P.B., dawn is-setghat hadithom mhux ghax kompliet il-personalita` ta' dak il-Bord izda bis-sahha tad-dispozizzjonijiet <u>ad hoc</u>.

Il-konkluzjoni ghalhek bil-fors tkun li jwiegeb ghal dak li ghamel jew naqas li jaghmel il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur il-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, li tieghu il-Bord kien delegat, u mhux l-Awtorita` tal-Ippjanar."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Valenzia) (Rikors Kostituzzjonali) deciza fit-12 ta' Dicembru 1996 fl-ismijiet "John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar" il-Qorti qalet:

"L-Att 1 tal-1992 jaghmel eccezzjoni ghal dan fis-sens li l-Artikolu 62 tal-Att jinghad li permess moghti mill-P.A.P.B. u li ghadu fis-sehh hekk kif jigi fis-sehh l-Att 1 tal-1992, jigi meqjus li jibqa' operativ ghall-perjodu u taht il-kundizzjonijiet li ghalih ikun hareg u tul dan iz-zmien jitqies li hu permess moghti mill-Awtorita`…

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fil-fatt l-intimat mhux is-successur tal-P.A.P.B. u l-eccezzjoni msemmija ma

tapplikax fil-kaz in ezami billi l-permess tal-14 ta’ Awissu 1992 kien gie revokat. L-azzjoni tar-rikorrent ma kellhiex tigi proposta kontra l-intimat.”

Illi dan it-Tribunal wara li ezamina l-Att dwar l-Awtorita’ tal-Ippjanar ma jhossx li ghandu xi jbiddel mill-insenjament moghti f’dawn il-kawzi.

Stabbilit li l-Awtorita’ mhix is-successur tal-PAPB hi responsabbli ghal dak li gara fi zmienha.

Punt iehor li jrid jigi diskuss huwa dwar diskriminazzjoni. It-Tribunal jixtieq jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fit-22 ta’ Novembru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et fejn qal:

“Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta’ Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll “Law of the European Convention on Human Rights” - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u “Law and Practice of the European Convention on Human Rights” - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.”

Fil-kaz in ezami gie ippruvat li kien hemm diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti meta ma nharigx il-permess.

Gie eccepit li r-rikors ma kienx sar skond ir-rekwiziti stabbiliti fis-subartikolu (2)(a) tal-artikolu 7 ta’ l-Att tal-1997 stante li r-rikorrenti, fir-rikors taghhom, ma kienux indikaw il-provi li kienu bi hsiebhom jipprovaw bix-xhieda taghhom skond kif kien rikjest mill-istess ligi, oltre li fil-korp ta’ l-

istess rikors, ir-rikorrent ghamel referenza ghall-pjanta annessa, liema pjanta fil-fatt ma kenitx giet esibita stante li mar-rikors tieghu r-rikorrent ma kienx ipprezenta ebda dokument. Il-fatt li wiehed ma jesebix pjanta li jsemmi li qieghed jesebixxi huwa certament hazin izda certament ma jwassalx ghal xi nullita' tar-rikors izda ma jkunx qieghed jaghmel il-prova li jrid jaghmel biha. Ukoll dwar l-iskop tax-xhieda dan hu rikjest ghall-andament ahjar tal-kawza izda mhux ghall-validita' tar-rikors. Ghalhekk jichad dawn l-eccezzjonijiet.

Gie rilevat mill-Awtorita' intimata li ma hemmx talba specifika ghal danni fir-rikors. Dan hu veru. Izda minn-naha l-ohra dan huwa rizultat logiku tat-talba dwar il-permess. Cahda mit-Tribunal twassal ghal kawza ohra bejn il-partijiet b'ammonti aktar qawwija u spejjez aktar, u t-Tribunal jixtieq li jaghlaq din il-kwistjoni darba ghal dejjem. Il-procedura quddiem it-Tribunal hija ftit aktar permissiva milli quddiem il-Qrati ordinarji. Minn-naha l-ohra wiehed ma jridx iqis la qabel il-kaz mar quddiem l-Awtorita', u lanqas stimi ex parte.

Ghal dawn il-motivi, peress li t-Tribunal isib l-ilment gustifikat, izda minhabba dak li ghadu kif issemma it-Tribunal jordna rimedju kompensattiv u jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u hames mitt lira [LM1500].

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------